

Brussell, 3 ta' Lulju 2019
(OR. en)

10916/19

INST 190
UEM 250

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ħatra tal-President tal-Bank Ċentrali Ewropew

1. Skont l-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) "[i]l-President, il-Viċi President u l-membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv [tal-BĊE] għandhom jinħatru minn fost persuni ta' statura rikonoxxuta u esperjenza professjonali fi kwistjonijiet monetarji jew bankarji mill-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, wara li jkun ikkonsulta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Regulatorju tal-Bank Ċentrali Ewropew. Il-mandat tagħhom għandu jkun ta' tmien snin u ma jistax jiġi mġedded."
2. Is-Sur Mario DRAGHI inħatar President tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-1 ta' Novembru 2011 għal mandat ta' tmien snin. Il-mandat tiegħu jiskadi fil-31 ta' Ottubru 2019.
3. Hu għalhekk meħtieġ li l-Kunsill Ewropew jaħtar il-President il-ġdid tal-Bank Ċentrali Ewropew b'effett mill-1 ta' Novembru 2019.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta r-Rakkomandazzjoni li tinsab fid-dok. 10682/19.